# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Guramentat Numru : 1179/2014/LSO**

**Victoriya Mykolayivna Orlenko I.D. Nru: 227210(L) u zewgha Anthony Paris I.D. Nru 958344(M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Victoriya Mykolayivna Orlenko u zewgha Anthony Paris datat 23 ta’ Dicembru 2014 fejn esponew: -

Illi r-rikorrenti izzewgu nhar it-30 ta' Settembru 2004, kif jidher mill-estratt tal-Att taz-Zwieg Numru: **zero wiehed tmienja zero sitta sitta wiehed 0180661** (anness bhala Dok A);

Illi r-rikorrenti Victoriya Mykolayivna Orlenko, meta zzewget lir-rikorrenti Anthony Paris civilment, ezercitat id-dritt taghha li zzomm kunjom xbubitha ossija "Orlenko", kif jidher mill-istess estratt tal-Att taz-Zwieg, kif ukoll mill-kopja fotostatika (anness bhala Dok B) tal-passaport u tal-Karta tal-Identita' Maltija taghha, kif ukoll l-Att tat-twelid (Dok C);

Illi r-rikorrenti ghalqu ghaxar (10) snin felicement mizzewga, ir-rikorrenti Victoriya Mykolayivna Orlenko tixtieq li tbiddel kunjom xbubitha u tiehu kunjom zewgha ossija "Paris";

Illi ghalhekk hija x-xewqa tar-rikorrenti illi l-intimat jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-atti civili tar-rikorrenti Victoriya Mykolayivna Orlenko fir-Registm Pubbliku sabiex kunjomha jinbidel minn "Orlenko" ghal "Paris";

Jghid l-intimat ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kunjom ir-rikorrenti Victoriya Mykolayivna jinbidel minn "Orlenko" ghal "Paris" b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-atti civili tal-imsemmija rikorrenti fir-Registru Pubbliku f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti, numru 0180661 tas-sena 2004, kif ukoll kull att civili iehor necessarju u opportun, sabiex konjom ir-rikorrenti Victoriya Mykolayivna mibdul minn "Orlenko" ghal "Paris" jigi rispekkjat fl-istess atti;

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 29 ta' Jannar 2015 (fol 17) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ghandhom jindikaw wkoll taht liema artikolu tal-ligi qed jaghmlu din l-azzjoni.

3. Illi r-rikorrenti qed jitolbu bidla fil-kunjom tal-attrici biex minflok "Orlenko" tiehu kunjom ir-ragel taghha u tigi "Paris". Dwar dan jinghad minnufih li taht il-ligi Maltija persuna ma tistax taqbad u tbiddel kunjomha kif gib u lahaq.

4. Illi meta r-rikorrenti zzewgu bir-rit civili nhar it-30 ta' Settembru 2004, l-attrici kienet iddikjarat li hija xtaqet izzomm kunjom xbubitha fiz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 4(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid is-segwenti:

*'Jekk il-mara jkollha l-hsieb li zzomm kunjom xbubitha wara z-zwieg hija ghandha, qabel iz-zwieg, hekk tiddikjara l-hsieb taghha qabel il-pubblikazzjoni tad-tnidijiet skont l-Att dwar iz-Zwieg u ghandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-att taz-zwieg.* ***Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli.'***

5. Illi dan l-artikolu jaghmilha cara li meta l-mara taghmel dikjarazzjoni dwar liema kunjom se tiehu fiz-zwieg tali dikjarazzjoni hija irrevokabbli u ghalhekk l-attrici llum il-gurnata ma tistax tbiddel il-kunjom taghha. Din id-dikjarazzjoni hija ghamlitha meta kienet giet mal-attur fir-Registru Pubbliku sabiex japplikaw ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet, immarkat **Dok DRP 1,** biex imbaghad tali dikjarazzjoni giet sottoskritta fl-att taz-zwieg, immarkat **Dok DRP 2.**

6. Illi tajjeb li jinghad ukoll li l-fatt li r-rikorrenti ilhom numru ta' snin kuntenti fiz-zwieg dan ma jaghti l-ebda dritt lil mara tiehu kunjom ir-ragel taghha;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 23 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Jean Carl Farrugia ghall-atturi prezenti u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Intimat. Dr. Farrugia pprezenta nota b'kopja ta' sentenza li ghaliha jixtieq jirreferi, b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante*. Dr. Cordina ddikjara li ma ghandux provi ulterjuri, salv li ghandu fi zmien hmistax-il gurnata (15) jipprezenta nota ta' referenzi kif ukoll jikkonferma jekk il-kaz "Lombardi vs Direttur Registru Pubbliku" dahalx Appell fuqu jew le. Dr. Cordina talab li jinghata l-opportunita` li jipprezenta nota ta' sottomissjonijet. Il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzatu jaghmel dan sat-30 ta' Lulju 2015, u r-rikorrenti jkollhom sat-30 ta' Settembru 2015 ghan-nota responsiva, u thalliet l-kawza minn issa stess ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti *nomine* qed titlob lil din il-Qorti tawtorizzaha tassumi kunjom zewgha, li hu "Paris" wara li hija gja ezercitat il-jedd moghti lilha bl-artikolu 4(4) tal-Kodici Civili fejn ghazlet li izzomm kunjom xbubitha.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.16).

L-intimat oppona ghat-talba principalment billi l-Ligi tghid b'mod car li l-ghazla moghtija bl-artikolu 4(4) tal-Kap.16, gjaladarba ezercitata, hija irrevokabbli.

Fl-affidavit[1] taghha r-rikorrenti xehdet li l-ufficjali mir-Registru Pubbliku gharrfuha li kellha diversi ghazliet fir-rigward tal-kunjom li kienet ser tassumi wara iz-zwieg izda hija hasbet li din hija semplici formalita'. Minnkejja l-ghazla li ghamlet, kienet konsistentement maghrufa b'kunjom zewgha li hu "Paris" fil-hajja socjali taghha, izda mhux fuq id-dokumenti ufficjali. Hadd ma fehemha li l-ghazla kienet wahda irrevokabbli. Dan gie ikkorroborat minn zegwha fl-affidavit tieghu (fol 28).

B'nota pprezentata fis-16 ta' April 2015, ir-rikorrenti iddikjaraw li t-talba taghhom qed issir abbazi tal-**artikolu 253(1) tal-Kodici Civili** li jagħti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

[1] Fol 26

**Dr. Mariella Silvio**, ghall-intimat, iddikjarat f'affidavit a fol 32 *et.sequitur* tal-process.li b'zieda mal-kunjom li l-mara taghzel li se tiehu wara z-zwieg, jezisti wkoll id-dritt ta' l-uzu ta' kunjom xbubitha, jew ta' kunjom zewgha, inkella ta' kunjum zewgha li jkun miet qabilha, skont dak li tghid il-Ligi. Hi xehdet li jigi spjegat car li l-kunjom mizjud ikun biss bi dritt ta' uzu u jitnizzel biss ghall-finijiet ta' hrug ta' dokumenti ta' identifikazzjoni bhall-passaporti u karta tal-identita. Inoltre qalet li l-Ufficjal tar-Registru Pubbliku jispjega lill-gharusa li d-decizjoni taghha tkun wahda finali.

Ikkonsidrat li l-kliem testwali tal-artikolu 4(4) huma cari u mfissra f'termini assoluti. L-ghazla li taghmel il-mara maz-zwieg rigward il-kunjom li ser tassumi hija wahda irrevokabbli. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda diskrezzjoni biex tawtorizza t-talba kif hekk maghmula. Jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti li hawn ma jittrattax ta' zball ghaliex l-att ma jirriflettix dak li riedet tfisser ir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni taghha ai fini tal-att taz-zwieg. Il-fatt li ma kenitx tobsor li l-ghazla kienet irrevokabbli mhiex rilevanti ghall-ezami li trid taghmel il-Qorti llum.

Dwar il-kunjom tal-mara mizzewga ta min josserva li l-ligi thalli triq miftuha sabiex ir-rikorrenti izzid kunjom zewgha ma' kunjom xbubitha. L-artikolu 4(2) tal-Kodici Civili infatti jiddisponi hekk**:**

***"****(2) Il-mara tista', minflok, tagħżel li żżomm kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha li warajh tista' żżid kunjom żewġha:"*

**Sottomissjonijiet**

Ir-rikorrenti ghamlu riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Angela Lombardi v id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA(JA) - deciza fid-9 ta' Lulju 2014). Ic-cirkostanzi li taw lok ghal dik il-kawza kienu simili izda mhux identici. Ir-rikorrenti f'dik il-kawza kienet qed tuza kunjom zewgha, bhal ma hu fil-kaz odjern izda ddikjarat li l-fatt li tnizzel fuq l-att taz-zwieg li ser izzomm kunjom xbubitha sar bi zball ghaliex hasbet li setghet izzomm kunjom xbubitha in aggunt ma' kunjom zewgha - fatt li gie affermat bhala risultanza mill-provi mill-Qorti li ppronunzjat is-sentenza.

Fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda zball. Ir-rikorrenti uriet fl-affidavit li fehmet l-ghazliet li kellha inkluz, fosthom, ix-xjelta li tibqa' b'kunjom xbubitha esklussivament.

Illi l-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-kaz odjern hu motivat mir-ripensament li kellha r-rikorrenti wara li ghamlet l-ghazla taghha. (Ara **Diane Abela Penza v Direttur tar-Registru Pubbliku** - PA(JA) - 25 ta' Gunju 2012).

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni tal-Intimat billi tali ghazla hija irrevokabbli u tichad it-talbiet attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa'** t-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-intimat, u **tichad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**